MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 190/2011

Kawza fil-lista: 29

**XB**
**vs**
**HY**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu civilment fis-19 ta’ Settembru 2005 f’ Westmoreland, Jamaica, u li dan iz-zwieg giet registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta fit-18 ta’ Lulju 2006; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghaldaqstant qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debtitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali li z-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fid-19 ta' Settembru 2005 huwa null fil-ligi ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu gewwa lukanda fil-Jamaica, wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur. Jirrizulta li fis-sena 2005 huma iddecidew li jsiefru fil-vakanzi estivi. F' Awissu ta' l-istess sena il-konvenut ta curkett lill-attrici u ppropona li jizzewwgu. L-attrici accettat.

L-attrici tispjega: "Niftakar meta konna l-Jamaica fil-hotel tas-Sandals, kellhom servizz sabiex wiehed ikun jista' jizzewweg. Dan kien isir wara nofs siegha ta' ippjanar, u kif konna hemm, iddecidejna li nizzewwgu fis-19 ta' Settembru 2005. Cerimonja qasira ta' madwar ghoxrin minuta fejn il-bahar, fejn il-ko-ordinatrici tac-cerimonja u l-fotografu qaghdu bhala xhieda peress li ma kienx hemm qraba u hbieb. Hassejt li kienet gennata, kif fil-fatt kienet… Jiena nhoss li kienet gennata peress li konna f' post tal-holm f' ambjent rilassanti u li tara biss fil-films….Ghandi nghid li jiena bqajt sa l-ahhar ma nistax nemmen li jiena kont ser nizzewweg, u fil-fatt, qabel izzewwigna waqt li konna quddiem il-wedding planner, qisni ma stajtx nemmen, tant li ghidt lil HY 'ahna ser nizzewwgu ta' veru.'

Wara li zzewwgu, l-partijiet irritornaw lura Malta mill-'vakanza', izda l-problemi bdew jimmanifestaw ruhhom mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali, peress li kien jidher car li l-partijiet ma riedux jghixu l-hajja konjugali f' unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Fir-relazzjonijiet intimi taghhom il-partijiet dejjem eskludew li jkollhom tfal bl-uzu tal-kontracettivi. Di fatti f' dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Eventwalment, wara xi zmien il-partijiet isseparaw peress li ma setghux jibqghu fil-hajja konjugali.

Illi dawn il-fatti jinsabu korroborati mill-istess konvenut.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet kien non-starter. Il-partijiet izzewwgu meta ma kienux jafu lil xulxin, u kollox sar 'on the spur of the moment' tant li l-attrici ma setghetx temmen li kienu verament ser jizzewwgu. Meta l-atmosfera ta' vakanza spiccat, u l-partijiet bdew il-hajja konjugali mal-ewwel irrizulta manifest, mid-diversi ncidenti li kienu jinqalghu, li huma ma riedux verament jghixu flimkien il-hajja konjugali bazata fuq il-kriterji fuq indikati.

Ghalhekk il-Qorti thoss li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm huma esternament ghaddew minn cerimonja civili ta' zwieg, izda nternament huma eskludew il-hajja konjugali, bir-rizultat li wara xi zmien ta' konvivenza huma sseparaw.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn iz-zewg partijiet fis-19 ta' Settembru 2005.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------